MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 331/2006

**A B**
**Vs**
**C D E**

**Il-Qorti**,

Rat ir-rikors guramentat ta’ l-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Illi din hija kawza ghal dikjarazzjoni ta’ nullita taz-zwieg.

L-attrici tikkonferma bil-gurament taghha:

1. Illi l-attrici zzewwget lill-konvenut fit-tlieta (3) ta’ April tas-sena elfejn u tlieta (2003), fir-Registru taz-Zwiegijiet, il-Belt Valletta, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg markat Dok A.
2. Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-

drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenut illi jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.
3. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.
4. Illi dan iz-zwieg mhuwiex ikkunsmat.

Ghaldaqstant ighid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:
1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u tlieta (2003), huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f), u l-artikolu 19 (A) (1) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kap. 255).
2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt baqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut, kuntratt fit-3 ta' April 2003 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafu [d] u tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-Qorti semghet lill-attrici u lil omm l-attrici tiddeponi.

Illi mill-provi jirrizulta li fit-3 ta' April 2003 l-attrici, mara ta' nazzjonalita' maltija, izzewwget lill-konvenut, ragel Sirjan, meta dina kienet iltaqghet mieghu l-ewwel darba fil-gurnata tat-tieg. Hija kienet imhajjra li tizzewweg lill-konvenut minn ragel iehor ukoll ta' nazzjonalita' gharbija. Dak in-nhar stess taz-zwieg, l-attrici regghet marret tghix fir-residenza tal-genituri taghha, u ghalhekk hi ma kkonviviet qatt mal-konvenut. Iz-zwieg ma giex kkonsumat.

L-attrici tghid kategrokament li hija qatt ma kellha x' taqsam mal-konvenut, u li l-uniku skop tac-cerimonja kien sabiex il-konvenut ikollu l-liberta' tal-moviment f' dawn il-Gzejjer. Di fatti ftit granet wara d-data taz-zwieg l-attrici kienet irceviet telefonata mill-awtoritajiet ta' l-Imigrazzjoni sabiex tiffirma xi dokumenti konnessi mal-freedom of movement tal-konvenut.

Mill-kwadru tal-fatti provati jirrizulta car li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront kemm ta' l-attrici kif ukoll tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat; u dan stante li rrizulta manifestament li, ghalkemm dawna esternament u unikament ghal konvenjenza tal-konvenut ghaddew minn ceremonja ta' zwieg, huma, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghhom, eskludew l-obbligazzjonijiet essenzjali matrimonjali, inkluz dak li taghmel l-att taz-zwieg mal-konjugi l-iehor.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fit-3 ta' April 2003. L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-partijiet ugwalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------